# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

### ILLUM il-Ħamis, 30 ta' Ġunju, 2016

**Kawża Nru 61**

**Rik. Nru. 1180/07JRM**

Joseph **BALDACCHINO** u Salvina *sive* Sally Baldacchino u l-kumpannija Baldacchino Holdings Limited (C – 10176); u b'degriet tad-9 ta' Frar, 2012, l-atti ġew trasfużi f'isem Salvina Baldacchino f'isimha proprju u f'isem binha minuri Michele Baldacchino, Janice Baldacchino, Maurizio Baldacchino, Dorothy Baldacchino u Maryliz Baldacchino minħabba l-mewt fil-mori tal-kawża ta' Joseph Baldacchino

vs

**J.J.S. DEVELOPERS LIMITED** (C – 11366) u kif ukoll Joseph Cachia u Isabelle Cachia

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-12 ta' Novembru, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu lill-Qorti biex (i) tordna lill-

imħarrkin biex, fi żmien ta' mhux aktar minn tliet (3) xhur, iġibu 'l quddiem b'kawża l-pretensjonijiet indikati fl-ittra uffiċjali mibgħuta minnhom lill-istess atturi fl-4 ta' Ottubru, 2007, li biha talbuhom jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni mġarrba minħabba li l-kotba tal-kumpannija J.J.S. Developers Limited ma nżammux fi stat tajjeb u skond ma titlob il-liġi u kif ukoll għaliex djun u flejjes oħrajn dovuti lill-istess kumpannija mħarrka mingħand bosta debituri baqgħu ma nġabrux jew baqgħu ma ġewx kreditati fil-kotba tal-istess kumpannija; u (ii) f'każ li l-imħarrkin jonqsu li jiftħu l-kawża msemmija fiż-żmien li tagħtihom il-Qorti, tikkundanna lill-imħarrkin biex jisktu għal dejjem u jmexxu qatt aktar 'il quddiem l-imsemmija pretensjonijiet tagħhom fil-konfront tal-atturi. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota ta' astensjoni tal-14 ta' Novembru, 2007[1], tal-imħallef li quddiemha tressqet il-kawża;

Rat is-surroga tas-16 ta' Novembru, 2007[2], li biha l-kawża kienet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrkin fil-11 ta' Diċembru, 2007, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li l-azzjoni ta' jattanza mibdija mill-atturi ma tistax titressaq għaliex kienu l-atturi nfushom li għamlu l-pretensjonijiet fil-konfront tagħhom u fetħu kawża kontrihom dwarhom: it-talba tal-eċċipjenti fl-ittra uffiċjali kienet biss bi tħaris tal-jeddijiet tal-eċċipjenti fl-imsemmija kawża. Żiedu jgħidu li l-interpellazzjoni magħmula fl-ittra uffiċjali tagħhom lill-atturi ma tikkostitwix millantazzjoni skond il-liġi. F'kull każ, billi l-pretensjonijiet magħmulin fl-imsemmija ittra uffiċjali tal-4 ta' Ottubru, 2007, jiddependu mill-esitu tal-kawża miftuħa mill-atturi u li għadha qiegħda tinstema' minn Qorti, ma jistax jingħata l-ebda żmien lill-eċċipjenti biex jiftħu kawża fuq dawk l-istess pretensjonijiet sakemm ma tkunx għadha nqatgħet l-imsemmija kawża mibdija mill-atturi. Għalhekk, qalu li t-talbiet attriċi huma għal kollox bla ebda bażi u l-Qorti għandha tiċħadhom bl-ispejjeż kontra l-atturi;

Semgħet ix-xhieda mogħtija mill-partijiet u mix-xiehda msejħin minnhom;

Rat il-provi dokumentali;

---

[1] Paġ. 9 tal-proċess
[2] Paġ. 10 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Novembru, 2008[3], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-kitba;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fit-3 ta' Diċembru, 2008[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fit-23 ta' Jannar, 2009[5], bi tweġiba għal dik tal-imħarrkin;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' jattanza. L-atturi jridu li l-imħarrkin iressqu 'l quddiem kawża bil-pretensjonijiet magħmulin minnhom f'ittra uffiċjali u li jagħmlu dan fiż-żmien qasir li tagħtihom din il-Qorti u, jekk kemm-il darba jonqsu milli jagħmlu dan, li ma jitħallew qatt aktar jagħmlu l-istess pretensjonijiet kontra tagħhom;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi qalu li l-azzjoni ta' jattanza mibdija mill-atturi ma tistax titressaq għaliex kienu l-atturi nfushom li għamlu l-pretensjonijiet fil-konfront tagħhom u fetħu kawża kontrihom dwarhom: it-talba tal-eċċipjenti fl-ittra uffiċjali kienet biss bi tħaris tal-jeddijiet tal-eċċipjenti fl-imsemmija kawża. Żiedu jgħidu li l-interpellazzjoni magħmula fl-ittra uffiċjali tagħhom lill-atturi ma tikkostitwix millantazzjoni skond il-liġi. F'kull każ, billi l-pretensjonijiet magħmulin fl-imsemmija ittra uffiċjali tal-4 ta' Ottubru, 2007, jiddependu mill-eżitu tal-kawża miftuħa mill-atturi u li għadha qiegħda tinstema' minn Qorti, ma jistax jingħata l-ebda żmien lill-eċċipjenti biex jiftħu kawża fuq dawk l-istess pretensjonijiet sakemm ma tkunx għadha nqatgħet l-imsemmija kawża mibdija mill-atturi. Għalhekk, qalu li t-talbiet attriċi

[3] Paġ. 114 tal-proċess
[4] Paġġ. 115 – 123 tal-proċess
[5] Paġġ. 133 – 9 tal-proċess

huma għal kollox bla ebda bażi u l-Qorti għandha tiċħadhom bl-ispejjeż kontra l-atturi;

Illi l-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li bejn l-attur u l-imħarrek kien hemm żmien li kellhom negozji flimkien taħt numru ta' kumpanniji, fosthom il-kumpannija mħarrka. Wara li nqala' xi diżgwid bejniethom, qatgħuha li jmorru għal rashom u, għall-ħabta ta' Ottubru tal-2001, daħlu fi ftehim ta' qasma tal-interessi rispettivi tagħhom fl-imsemmija kumpanniji;

Illi wara li saret din il-qasma, il-kwestjonijiet ma mietux għaliex l-imħarrek beda jgħid li kien hemm flejjes li ma ddaħħlux fil-kotba tal-kumpannija assenjata lilu – il-kumpannija mħarrka J.J.S. Developers Limited (minn issa 'l hemm imsejħa "JJS") – u li l-affarijiet inħbew minnu mill-attur huwa u jsir il-proċess tal-qasma dwar kif kienet titmexxa l-istess JJS;

Illi l-attur, permess ta' żewġ kumpanniji tiegħu – Baldacchino Woodworks Limited u Olive Gardens Investments Limited – fetaħ żewġ kawżi kontra JJS fl-10 ta' Ottubru, 2002[6], u fil-11 ta' Frar, 2004[7] bi pretensjonijiet ta' ħlas ta' krediti dovuti minnha. Iż-żewġ kawżi għadhom jinstemgħu;

Illi, sadattant, f'April tal-2004, JJS fetħet kawża kontra Olive Gardens Investments Limited[8] b'xiljiet ta' qerq fit-tmexxija ta' ħwejjiġha u dwar il-ftehim tal-qasma li kien sar fl-2001. Il-kawża għadha tinstema';

Illi bis-saħħa ta' ittra uffiċjali tal-4 ta' Ottubru, 2007[9], l-imħarrkin talbu lill-atturi biex jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni li jgħidu li ġarrbu minħabba li l-kontijiet u l-kotba ta' JJS ma nżammux fi stat tajjeb u skond il-liġi u wkoll għaliex krediti u flejjes oħra dovuti lil JJS ma nġabrux jew ma kinux kreditati fil-kotba tal-istess kumpannija fiż-żmien li kienet titmexxa mill-attur Joseph Baldacchino u sakemm kienet assenjata lill-imħarrek Joseph Cachia fl-imsemmi ftehim tal-qasma;

[6] Ċitazz. Nru. 1128/02AF, Dok "B", f'paġġ. 72 – 81 tal-proċess
[7] Ċitazz. Nru. 110/04AF, Dok "A", f'paġġ. 29 – 70 tal-proċess
[8] Ċitazz. 233/04JRM
[9] Dok "A", f'paġ. 6 tal-proċess

Illi l-atturi wieġbu għall-imsemmi att ġudizzjarju tal-imħarrkin billi bagħtulhom ittra uffiċjali fil-15 ta' Ottubru, 2007[10], biex jiċħdu l-pretensjonijiet magħmulin mill-imħarrkin fl-ittra uffiċjali tagħhom;

Illi fit-12 ta' Novembru, 2007, infetħet din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbuta mal-każ, xieraq li l-Qorti tirrileva li din hija kawża ta' jattanza miftuħa mill-atturi Joseph Baldacchino[11], martu Salvina, u l-kumpannija Baldacchino Holdings Limited li biha qegħdin jitolbu lill-imħarrkin JJS, Joseph Cachia u Isabelle Cachia jiġu ordnati li, fiż-żmien li tagħtihom il-Qorti, jressqu kawża dwar il-pretensjonijiet tagħhom kontrihom magħmula f'att ġudizzjarju tal-4 ta' Ottubru 2007. Mill-provi ħareġ, iżda (u dan l-atturi ma semmewhx) li qabel l-imsemmija ittra uffiċċjali kienet saret oħra bl-ismijiet u kontenut identiċi fit-12 ta' Ottubru 2005[12];

Illi b'danakollu fit-Tweġiba tagħhom għar-rikors maħluf, l-imħarrkin ma qanqlu l-ebda eċċezzjoni dwar jekk l-azzjoni saritx fi żmien sena mill-pretensjoni kif ikkontemplat fl-artiklu 403 tal-Kap 12 li jipprovdi illi: "*Meta f'atti ġudizzjarji, jew xort'oħra bil-miktub, persuna tippretendi li għandha xi jedd, il-parti li trid teħles din il-pretensjoni tista' fi żmien sena mill-istess pretensjoni, titlob, b'rikors ġuramentat, li jiġi mogħti żmien lill- persuna li ppretendiet li għandha dak il-jedd, biex iġġib 'il quddiem b'kawża dik il-pretensjoni, u li, fin-nuqqas ta' dan, jiġi lilha impedut li taġixxi qatt iżjed għal dik il-pretensjoni*";

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom[13], imbagħad, l-imħarrkin allegaw li kienu qanqlu l-eċċezzjoni illi "l-azzjoni proposta mis-soċjeta` attriċi hi preskritta peress illi l-azzjoni odjerna inġabet iktar tard minn sena wara l-pretensjoni vantata permezz tal-ewwel ittra uffiċċjali li s-soċjeta` konvenuta bagħtet kontra s-soċjeta` attriċi". L-atturi wieġbu għal din l-eċċezzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tagħhom bla ma qanqlu dan il-punt;

Illi għalkemm l-imħarrkin ma qajmu qatt formalment b'eċċezzjoni din il-kwestjoni u semmewha biss l-ewwel darba fin-Nota ta' Sottomissjonijiet, din il-Qorti sejra jkollha tqisha wkoll għaliex si tratta ta' terminu

[10] Dok "B", f'paġ. 8 tal-proċess
[11] Joseph Baldacchino miet fil-mori tal-kawża u l-ġudizzju għar-rigward l-interess tiegħu ġie trasfuż f'isem il-werrieta tiegħu
[12] Dok "JJS01", f'paġ. 125 tal-proċess
[13] Paġġ. 116 sa 120 tal-proċess

dekadenzjali (u mhux proprjament ta' preskrizzjoni kif isejħulu l-partijiet) li huwa għalhekk ta'ordni pubbliku u li jitfa' fuq il-Qorti d-dmir li tqisu wkoll jekk kemm-il darba ma jkunx tqajjem formalment b'eċċezzjoni jew b'eċċezzjoni ulterjuri. Dan isir ukoll għaliex iż-żewġ partijiet ittrattaw din il-kwestjoni partikolari, u għalhekk ma ġiex imċaħħad lilhom il-benefiċċju li jittrattaw il-kwestjoni qabel ma l-Qorti sejra tgħaddi biex tipprovdi dwarha. Għal kull bwon fini, il-Qorti tinnota wkoll li għalkemm ġew esibiti kopji tal-ittri uffiċċjali, mhemmx ħjiel fuqhom jekk ġewx notifikati jew le. B'danakollu l-atturi ma jiċħdux li ġew notifikati bihom;

Illi għalhekk il-Qorti sejra tittratta l-ewwel din il-kwestjoni billi, jekk issib li hija waħda tajba, ma jkunx hemm għalfejn tqis l-eċċezzjonijiet l-oħrajn;

Illi jingħad minn uħud mill-kittieba tal-istorja tad-Dritt li l-ġudizzju tal-jattanza jaf il-bidu tiegħu għad-dritt Ruman u b'mod partikolari għal-liġi tal-Kodiċi ta' Ġustinjanu msejħa *Diffamari.* Din il-liġi kienet ristretta għal min ixerridha li persuna ma kellhiex l-istat liberu; f'liema każ, ċittadin ħieles seta' jħarrku sabiex ma jibqax jinfamah. Ir-raġuni wara dan ir-rimedju kien ir-rispett kbir li r-Rumani kellhom lejn il-liberta`, wieħed mit-tliet stati kostitwenti tal-persuna. Dan ma kienx proprjament rimedju ta' jattanza imma azzjoni għar-riparazzjoni ta' nġurja, għax ma kienx iġiegħel lil min ikun qed joħloq malafama li jagħmel kawża taħt is-sanzjoni ta' skiet perpetwu fin-nuqqas, imma l-qorti kienet tintalab toħroġ ordni biex tieqaf l-inġurja leżiva tal-unur u tal-integrita`tad-drittijiet tal-persuna malafamata: *ab injuria temperari praecipiet*;

Illi x'aktarx li l-kunċett tal-jattanza ġie elaborat fil-Medju Evu frott ta' elaborazzjoni tal-liġi *Diffamari*, bħala mezz mogħti mill-ordinament ġuridiku lil persuna li riedet tbiddel stat ta' inċertezza (dwar drittijiet ta' natura personali, rejali jew obbligatorji) sfavorevoli għaliha, fi stat ta' ċertezza ġuridika, u b'hekk tevita li eventwalment ikun hemm xi kawża dwarha minn persuni oħrajn. Dan kien istitut tipiku tad-dritt medjevali Taljan. Bit-tixrid tad-Dritt Komuni, il-ġudizzji provokatorji ħarġu lil hinn mill-konfini tal-Italja u nfirxu fi Franza u fil-Germanja fejn sabu art fertili sal-kodifikazzjonijiet tal-era moderna. F'dan il-perjodu l-ġuristi bdew iħarsu lejn dan l-istitut bħala artifiċjali u makkinuż li kien joħloq problemi kbar dwar kompetenza territorjali, litispendenzja, u l-piż tal-prova. B'hekk filwaqt li kien hemm ċerti kodiċijiet li żammew dan l-istitut, bħal dawk tal-Baviera (1753), tal-Prussja (1793) u tal-Istati Estensi tal-Italja (1852), kien hemm oħrajn li njoraw l-istitut, bħal Napli, t-Toskana u l-

Parma. Fl-aħħarnett ġie njorat fl-ewwel Kodiċi ta' proċedura Taljan tal-1865;

Illi l-istitut tal-jattanza baqa' jifforma parti mil-liġi Maltija, l-ewwel bħala parti mid-dritt komuni imbagħad bħala parti mill-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, bħala wieħed minn lista ta' proċedimenti speċjali, li jissemmew fl-artikoli 403 sa 415;

Illi l-elementi mitluba sabiex tirnexxi kawza ta' jattanza huma magħrufa sewwa u stabiliti minn żmien ilu[14]. Dawn huma: (1) li l-attur irid ikollu pussess, almenu *de facto* u *prima facie* tal-oġġett li jkun qed jikkawtela[15]; (2) li l-parti mħarrka tkun bil-miktub ressqet pretensjoni fuq l-oggett[16]; (3) li l-pretensjoni trid tkun spontanja u mhux provokata bl-agir tal-attur[17]; (4) li l-pretensjoni trid ikollha skop determinabbli, speċifiku jew kapaċi li jiġi speċifikat li jista' jissarraf f'azzjoni ġudizzjarja li tista' tinfetaħ[18]; (5) li l-pretensjoni ma għandhiex tkun kondizzjonata jew tiddependi minn fatt li jista' jiġri u ma jiġrix[19]; u (6) li l-kawża għall-millantazzjoni trid issir sa mhux iżjed tard minn sena minn mindu l-parti ssirilha l-pretensjoni, kontra min ikun għamlilha dik il-pretensjoni, biex il-qorti tordna lil min jippretendi l-jedd li jressaq l-azzjoni għad-definizzjoni ta' dak il-jedd innifsu fiż-żmien mogħti mill-istess qorti[20];

Illi ngħad mill-qrati tagħna "*Illi l-iskop uniku legali u soċjali tal-istitut ta' Jattanza huwa li l-kontestazzjonijiet jiġu riżolti. Il-Ligi ma tridx li tħalli l-pretensjonijiet fl-arja kif lanqas ma trid li persuna tivvessa persuna oħra bi pretensjonijiet li ma jinġiebu qatt quddiem il-Qorti kompetenti għas-smigħ u determinazzjoni*."[21] Min-naħa l-oħra, l-istess Qrati wissew ukoll li dan huwa prinċipju eċċezzjonali li għandu jċedi għall-prinċipju ta' natura ġenerali li ħadd ma għandu jiġi mġiegħel jiftaħ kawża: "*illi huwa minnu li l-ġudizzju ta' jattanza huwa kontradittur għad-dettami tad-dritt u għall-massima, speċjalment, invitus agere nemo cogitur; l-għaliex in-norma hija li actor in sua potestate habet quando utatur juri suo, b'mod li l-istess rimedju ma għandux jiġi estiż; imma mill-banda l-oħra jingħad li*

[14] P.A. TM **11.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Imelda Tabone et vs Agnes Galea et*** (mhix appellata)
[15] P.A. **13.2.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċilia et vs Francalanza et*** (Kollez. Vol: **XXXIII.ii.201**)
[16] P.A. **15.12.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.1146**)
[17] App. Ċiv. **19.1.1942** fil-kawża fl-ismijiet ***Staines noe vs Hamilton Stilon*** (Kollez.Vol **XXXI.i.494**) u P.A. JA **6.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Madliena Developments Limited vs Uffiċċju Konġunt*** (mhix appellata) fost oħrajn
[18] P.A. **31.5.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat vs Cost Chretien*** (Kollez. Vol. **XXXIII.ii.287)**
[19] P.A. **17.8.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Cali Corleo et vs Fava et*** (Kollez. Vol: **LXXII.iii.707**) u P.A. AJM **15.12.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***L-Avukat Ġenerali noe et vs L-Avukat Dr Hugh Peralta noe et*** (*in parte* mhix pubblikata)
[20] Ara, fost oħrajn, App. Ċiv. **28.3.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul sive Lino Aġius et vs Joseph Meilaq et***

*dana l-ġudizzju, skond id-dritt komuni u l-iżvilupp li tawh il-prattiċi, huwa neċessarju għall-prevenzjonijiet ta' kwalunkwe diffamazzjoni bla kawża, b'esklużjoni ta' preżunzjoni ta' kalunnja, bl-iskop preċipwu ad finiendos lites. Dwar l-azzjoni tal-jattanza, il-Professur Caruana Notes on Civil Procedure, paġ. 1456 jfisser din l-għamla ta' azzjoni bħala "...a violation of the principle that no one may be compelled, against his will, to institute proceedings and reduce to an insignificant term the normal period for the institution of a lawsuit.*" Il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħha, għalhekk, għandhom jitfissru sewwasew kif riedhom il-leġislatur;

Illi din il-Qorti f'dan l-istadju tqis xieraq li terġa' ttenni li taf li f'xi ċirkostanzi oħrajn ġie deċiż li azzjoni ta' jattanza kienet magħmula sewwa minkejja li l-ewwel millantazzjoni kienet saret minn tal-anqas tliet snin qabel l-att ġudizzjarju li tenna l- "ftaħira"[22]. Tagħraf ukoll li hemm xi deċiżjonijiet li jqisu li r-ripetizzjoni min-naħa tal-millantant tal-istess pretensjoni taf toqtol iż-żmien li fih l-azzjoni tal-jattanza tista' ssir[23]. Iżda l-Qorti ma temminx li dak hu li ried il-leġislatur u terġa' tqis li ż-żmien imsemmi fil-liġi ma huwiex terminu ta' preskrizzjoni, imma wieħed ta' dekadenza[24], għalkemm tqis ukoll li kemm il-preskrizzjoni u kif ukoll l-istitut tal-jattanza għandhom xebh u għanijiet li jaqblu ma' xulxin[25]. Iżda kieku ż-żmien ta' sena jista' jiġġedded kull darba li persuna tirċievi kont, ma jagħmel l-ebda sens li l-artikolu 403 ikollu dak it-terminu għaliex dejjem hemm il-possibilita' li 'l quddiem għad jasal kont ieħor u jerġa' jibda għaddej iż-żmien mill-ġdid. Ġaladarba l-leġislatur Malti għażel li jimponi dan it-terminu ta' sena, ifisser li ried jillimita drastikament it-terminu li fih tista' ssir il-kawża ta' millantazzjoni[26]. Kieku ried mod ieħor, **ma kien jimponi l-ebda terminu**, l-istess bħalma sar f'Kodiċijiet barranin taħt sistemi oħrajn tal-liġi[27];

Illi dan kollu, fid-dawl tal-fatt li l-azzjoni hija waħda li teħles lil persuna minn pretensjoni billi tagħlaq għal dejjem ħalq il-pretendent, jimmilita kontra l-argument imressaq 'il quddiem mill-atturi li t-terminu reġa' beda jiddekorri mit-tieni ittra uffiċċjali;

Illi, minbarra dan, mill-atti tal-kawża ħareġ ukoll li l-ittri uffiċjali li l-

[22] P.A. NVA **14.7.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Parnis vs Parnis*** (mhix pubblikata)
[23] App. Ċiv. **28.11.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***AIĊ Joseph Barbara et vs Joseph Bonett***
[24] App. Ċiv. **25.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Pickard vs Grace Anderson***
[25] Ara P.A. LM **24.3.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Schembri & Sons Ltd vs Carmelo Abdilla & Sons Ltd*** (*in parte*)
[26] P.A. **14.2.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Grima vs Caffary*** (Kollez. Vol: **XXXVI.i.632**)
[27] Ara, b'eżempju, art. 278 sa 284 tal-*Codice Estense* tal-1852 u art. 905 – 907 tal-*Codice di Procedura Civile Per gli Stati di Sua Maesta' il Re di Sardegna* tal-1959

imħarrkin bagħtu lill-atturi kienu tassew magħmula b'rejazzjoni għal pretensjonijiet li l-atturi, jew min minnhom, kienu ressqu kontra l-imħarrkin fi proċeduri ġudizzjarji fis-sura ta' kawżi. Hawnhekk, b'żieda ma' dak li ssemma qabel, huwa wkoll stabbilit li fejn il-protest jew pretensjoni tal-parti kienet ir-riżultat ta' rejazzjoni għall-pretensjonijiet magħmula mill-parti l-oħra (u dan jgħodd aktar u aktar fejn tali pretensjonijiet ikunu saru fi proċeduri ġudizzjarji), jiġi li jonqos l-element ta' spontanjeta' li azzjoni bħal din titlob bħala wieħed mill-elementi kostituttivi tal-azzjoni speċjali tal-millantazzjoni[28];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi ma jikkonkorrux l-elementi mitluba mil-liġi biex l-azzjoni tal-millantazzjoni tista' titwettaq; u

**Tordna** li l-atturi jħallsu l-**ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**
**30 ta' Ġunju, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Ġunju, 2016**

---

[28] P.A. **19.2.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Mamo vs Vella et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.iii.52**); Maġ (Għ) AE **2.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Stella Rapa et vs John Mary Portelli*** (mhix appellata); u P.A. MCH **10.5.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Euro Industries Ltd et vs Christopher Testaferrata Moroni Viani et*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fl-**24.6.2016**)